10 ta' Diċembru, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Giuseppa Agius *versus* Pacifico Agius

**Separazzjoni Personali — Sevizji — Inġurji Gravi — Xebħa.**

*Mhux kull tgħajjir tal-konjuġi bejniethom jikkostitwixxi dik l-inġurja gravi li tiġġustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wieħed mill-konjuġi lill-ieħor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw għal dik l-inġurja gravi.*

*Huma sevizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjuġi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joħolqu eżarċerbazzjoni f'dak il-konjuġi hekk offiż u avversjoni profonda għall-konjuġi l-ieħor li jikkometti dawk l-atti.*

*Ix-xebħa tar-raġel, meta hija eżaġerata u eċċessiva, tista' tikkostitwixxi sevizja li tirrendi impossibili l-konvivenza konjugali.*

Il-Qorti, — Fuq iċ-ċitazzjoni nru. 546/1949 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attriċi, wara li qalet li l-konvenut irrenda ruħu ħati ta' eċċessi, sevizji, minaċċi u inġurji gravi kontra l-instanti martu, talbet (1) li tkun pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u l-attriċi tkun awtorizzata tgħix separata minn żewġha; (2) il-konvenut ikun dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-artikoli 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu applikabili għall-każ; (3) il-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attriċi, għaliha u għall-istess uliedha minuri Doris, Pietro u Vittoria, aħwa Agius, pensjoni alimentarja fil-mod, żmien u lok li tistabbilixxi din il-Qorti; (4) tiġi dikjarata xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti; (5) tiġi likwidata u maqsuma f'żewġ kwoti ugwali l-istess komunjoni, billi kwota minnhom tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut; (6) jiġi nominat perit biex jagħmel il-likwidazzjoni u diviżjoni mitluba, nutar biex jippubblika l-att relativ, u kuratur biex jirrappreżentaw lill-kontumaċi. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-proċedura quddiem is-Sekond'Awla, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re tat-23 ta' April 1951, fejn dik il-Qorti ddeċidiet billi ddikjarat pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba sevizji, inġurji gravi u minaċċi tal-konvenut, u konsegwentement awtorizzat lill-attriċi tgħix separata mill-konvenut, li għandu jagħti lill-istess attriċi u wliedha £3. 6. 0 fil-ġimgħa bil-quddiem f'darha, ordnat li l-istess tfal minuri jibqgħu jgħixu ma' l-attriċi, salvi provvedimenti oħra fuq rikors sabiex il-konvenut, jekk anki jitlob, ikun jista' jarahom, xoljiet il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, salva l-likwidazzjoni aktar tard; u tellfet lill-konvenut id-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, barra minn, jew esklużi dawk kontemplati fl-art. 56 ittra (d) f'każ ta' bżonn; bl-ispejjeż għall-konvenut; u ddifferiet il-kawża għat-30 ta' April 1951, sabiex tipprovvedi fuq iż-żewġ talbiet l-oħra; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi mill-attijiet tal-kawża u provi............ jirriżulta li l-kontendenti huma gabillotti............ Milli jidher, il-konvenut huwa raġel ħaddiem ħafna u jidhirlu li kulħadd għandu jkun bħalu, mentri l-attriċi, li kienet tiġi kostretta minnu taħdem fir-raba, ma tħossha ex maħluqa għal dak ix-xogħol, li ma kienetx fi xbubitha mdorrija fih, kienet tmur fuq il-qalb, u passivament tirreżisti għal dik ix-xewqa tiegħu; u dina kienet l-ewwel ġermi tad-dissidji bejn il-kontendenti...... Jingħad però illi jirriżulta wkoll li qabel is-separazzjoni "di fatto" l-konvenut kien juri biċ-ċar li huwa eżaġeratament interessat, l-għaliex biex joħroġ xi ħaġa żgħira għall-familja tiegħu numeruża kien donnu sejjer jaqla' l-pinni ta' qalbu, u ma riedx ħlief li l-istess familja tiekol biss minn dak li kien hemm provenjenti mill-prodott u minn dak li kienet tmur tbiegħ l-attriċi................;

Illi mill-kawżalijiet addotti fl-att taċ-ċitazzjoni jirriżultaw mill-provi biss fil-ħsieb ta' din il-Qorti, is-sevizji, minaċċi u inġurji gravi, il-għaliex dwar l-eċċessi l-istess provi ma humiex soddisfaċenti;

Illi l-egojiżmu tal-konvenut jirramifika ruħu eżaġeratament f'ħafna frieghi oħra, u ċjoè x-xeħħa, il-ħsieb tiegħu nnifsu biss, u l-assenza kompleta ta' konsiderazzjoni dwar

l-oħrajn. Tabilħaqq, ix-xhieda kollha jgħidu kemm il-konvenut huwa xħiħ; u dan il-fatt ġiebu għall-applikazzjoni ta' dak il-ħsieb koltivat minnu sal-punt li jkeċċi minn daru lil uliedu bniet l-għaliex ma kienux qegħdin jaħdmu għalih kif huwa ried li jagħmlu kontra l-inklinazzjoni tagħhom............ Anki l-ħsieb tiegħu nnifsu............., ċertament huwa kundannabili u mhux ħaġa li taqbel mas-sentimenti ta' missier. L-assenza kompleta mbagħad ta' konsiderazzjoni għal ħadd ieħor tirrifletti ruħha mill-inkejja ripetuta.................. u ħafna affarijiet oħra rakkontati mix-xhieda kollha;

Illi dwar it-tgħajjir jingħad li ċerti skambji ta' pastażati tal-kontendenti, fir-rifless tal-kondizzjoni soċjali tagħhom, fil-ħsieb tal-Qorti ma jikkostitwixxi ebda kawżali solida għas-separazzjoni; ma jistax però jingħad l-istess ħaġa għall-kliem li joffendi l-qalb jew l-unur tal-bniedem, bħalma huma dawk li l-konvenut kien igħid lill-attriċi li hija maħmuġa u li l-fjur tagħha għasfar. Huwa minnu li l-attriċi ġie li qalet lill-konvenut li huwa għandu wiċċ ħadd ieħor, imma ċ-ċirkustanzi meta qaltlu dak id-diskors kien dovut għall-fatt li l-konvenut kien igħidilha illi huwa kellu min jaħseb fih jew kliem ta' dan it-tenur; taħt liema aspett titlef ħafna l-akutezza ta' l-arma tagħha............;

Illi dwar il-minaċċi u swat jingħad li dawn jirriżultaw mill-attriċi, korroborata minn x'uħud mix-xhieda; imma dawk il-minaċċi ma jidher li qatt assurġew għall-kawżali ta' l-eċċessi;

Illi dwar is-sevizji, li hija l-kawżali prinċipali, jingħad li l-inkejja fuq deskritta, in-nuqqas ta' għajxien meħtieġ, u l-kliem li jwaġġa' l-qalb, jirriżultaw abbondantement...........;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenut, fejn talab li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi jiġu miċħuda t-talbiet ta' l-attriċi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mismugħa jidher illi l-appellant huwa ta' natural xħiħ għall-eċċess, egojista, ma jimpurtaħx minn martu u wliedu; illi għall-ħajja kien jagħti lil martu £1 kull ħmistax-il ġurnata, u fil-bogħod xi £1 oħra, għax kien jip-

pretendi li għandhom igħixu mill-frott tal-għelieqi; illi keċċa żewġt ibniet mid-dar; illi jbażża' l-uliedu fil-mod deskritt fis-sentenza li minnha hemm appell; illi jwaġġa' lil martu bi kliem kif huwa msemmi fl-istess sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "Salerno vs. Salerno", definita fis-6 ta' April 1934, "l'avarizia, quando portata agli eccessi, può essere cagione di continue ed incessanti molestie e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale" (ara wkoll Vol. IX, pag. 814);

Illi ma hemmx dubju li l-atteġġjament ta' l-appellant lejn martu u wliedu huwa dak ta' bniedem xħiħ tant li jċaħdilhom il-mezzi tal-ħajja;

Ikkunsidrat:

Fir-rigward ta' l-akkuża ta' sevizji, illi, kif ukoll iddeċidiet din il-Qorti fil-kawża "Attard vs. Attard", maqtugħa fit-2 ta' Lulju 1934, "per sevizie s'intendono gli atti abituali di condotta che offendono la persona e l'animo di colui cui sono diretti, al punto di generare in lui esacerbazione, dolore, e avversione profonda verso chi commette tali atti";

Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-kondotta ta' l-appellant lejn il-mara tiegħu u wliedha, il-manjieri, il-kliem, u l-persistenza li jridhom jaħdmu fl-għelieqi meta ma għandhomx inklinazzjoni biex jagħmlu dan, huwa ta' offiża kontinwa kontra l-membri tal-familja tiegħu, u ma jistgħux ma joħolqux inkwiet u avversjoni da parti tagħhom lejn l-appellant;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi però, fiċ-ċirkustanzi tal-każ ma jidherx li hemm biżżejjed biex jiġi ritenut ġustifikat il-provvediment ta' l-Ewwel Qorti li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għandha jġġib magħha kontra l-konvenut it-telfa tad-drittijiet imniżżlin fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili;

Għaldaqshekk:

Tilqa' l-appell tal-konvenut biss fis-sens li tiddikjara li s-separazzjoni personali ma għandhiex iġġib kontra l-konvenut id-dekadenza mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 u 58 tal-Kodiċi Ċivili, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi relativi għal dik

id-domanda kontra l-attriċi, u tirrespinġi dak l-appell għall-bqija, billi tikkonferma s-sentenza appellata għall-kumplament, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, barra minn dawk fuq provvduti, kontra l-konvenut appellant. U biss fis-sens fuq imsemmi tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà tar-Re fit-23 ta' April 1951.